31983R3388

1.12.1983 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 336/52

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3388/83**

**tat-30 ta' Novembru 1983**

**li jemenda għall-20 darba r-Regolament (KEE) Nru 2730/81 li jwaqqaf lista ta' aġenziji f'pajjiżi importaturi mhux membri li għandhom dritt joħorġu sejħa għal offerti fis-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib**

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib ([1]), kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 1600/83 ([2]), u b'mod partikulari Artikoli 13(3) u 17 (4) tiegħu,

Filwaqt li Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2730/81 ([3]), kif l-aħħar emendat b'Regolament (KEE) Nru 2897/83 ([4]), waqqaf lista ta' aġenziji f'pajjiżi importaturi mhux membri li għandhom dritt joħorġu sejħa għal offerti fis-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib;

Filwaqt li, fid-dawl ta' l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-mod ta' kummerċ segwit fil-pajjiżi importaturi konċernati u n-natura uffiċjali ta' l-aġenziji in kwistjoni, dan ir-Regolament għandu jkun emendat;

Filwaqt li l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-lista ta' organizazzjonijiet ta' ħruġ fl-Anness ta' Regolament (KEE) Nru 2730/81, l-ewwel organizazzjoni taħt il-pajjiż importatur l-Alġerija: "Office national de commercialisation (Onaco), 29, rue Ben M'Hidi, Larbi" hu mibdul bis-segwenti:

"Office national de commercialisation (Onaco)

jew

Entreprise Nationale de Produits Alimentaires (ENAPAL)

29, rue Larbi Ben M'Hidi

Alger."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara li jkun pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fit-totalita tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, 30 ta' Novembru 1983.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU Nru L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
([2]) ĠU Nru L 163, tat-22.6.1983, p. 56.
([3]) ĠU Nru L 272, tas-26.9.1981, p. 25.
([4]) ĠU Nru L 319, tas-17.11.1983, p. 25.